**15 ta' Frar, 1963**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Antonio Polidano

*versus*

Maria Rosaria Gauci et.

**Nota tal-Eċċezzjonijiet — Kontumaċja — Appell — Reġistratur — Avukat — Dikjarazzjoni — Art. 158 (5) u (10) tal-Kap. 15.**

*Id-dikjarazzjoni li għandha takkompanja n-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut għandha tiġi preżentata flimkien mal-istess nota, b'mod li, jekk tiġi preżentata n-nota tal-eċċezzjonijiet mingħajr id-dikjarazzjoni, il-konvenut għandu jitqies kontumaċi. U l-preżentazzjoni tan-nota tal-eċċezzjonijiet u tad-dikjarazzjoni trid tkun simultanea.*

*Meta hekk jiġri, il-konvenut jitqies kontumaċi sakemm huwa ma jissoddisfax lill-Qorti li kellu raġuni tajba li għaliha ma ppreżentax in-nota tal-eċċezzjonijiet u d-dikjarazzjoni fiż-żmien utili. U xejn ma jiswielu l-fatt illi r-Reġistratur ikun aċċetta n-nota tal-eċċezzjonijiet mingħajr id-dikjarazzjoni; kif lanqas ma hu raġuni tajba għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja l-fatt illi n-nuqqas avvera ruħu minħabba dimentikanza jew żvista tad-difensur tal-konvenut.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza tagħha tal-10 ta' Diċembru 62, li fiha hemm ir-rijassunt soltu tal-proċeduri;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri;

Ikkunsidrat;

B'dik is-sentenza ġiet dikjarata nulla s-sentenza pronunzjata fil-meritu fis-26 ta' Mejju 1962 mill-Ewwel Onorabbli Qorti fil-kawża fl-ismijiet premessi, u ġie dikjarat eżawrit l-appell kwantu għall-meritu; u ġie riżervat li jiġu rinvijati l-atti jiet lill-Ewwel Qorti appena tiġi deċiża f'sens

jew ieħor minn din il-Qorti l-kwistjoni tal-kuntumaċja, appellata wkoll fil-petizzjoni tal-konvenut, u deċiża mill-Ewwel Qorti bid-digriet tas-26 ta' Mejju 1962 (fol. 9); u ġiet riżervata d-deċiżjoni tal-kap tal-ispejjeż għad-deċiżjoni li sejra tingħata issa fuq l-inċident tal-kontumaċja;

Ikkunsidrat;

Hu fatt li n-nota tal-eċċezzjonijiet ġiet preżentata "mingħajr" ma kienet akkompanjata mid-dikjarazzjoni preskritta mill-liġi (art. 158(5) Kap. 15 Ediz. Riv.). Hu fatt ukoll li, skond is-subart. 10 ta' dak l-artikolu, jekk ma tiġix preżentata n-nota tal-eċċezzjonijiet "u d-dikjarazzjoni", allura l-konvenut jitqies kontumaċi, ammenokkè ma jissodisfax lill-Qorti li kellu raġuni tajba li għaliha hu ma ppreżentax in-nota tal-eċċezzjonijiet u d-dikjarazzjoni fiż-żmien meħtieġ;

Ikkunsidrat;

Il-konvenuti ma ppruvaw ebda raġuni tajba għassodisfazzjon tal-Qorti;

Ma hux sewwa dak li donnu ppretendew l-appellanti fit-trattazzjoni, illi ċjoè in-nuqqas tad-dikjarazzjoni "biss", ladarba n-nota tal-eċċezzjonijiet ġiet preżentata, ma jġibx il-kontumaċja. Din il-pretensjoni hi kuntrarja għal dak li tgħid il-liġi fl-art. 158(10), fejn issemmi n-nota u d-dikjarazzjoni, u anki għas-subart. (5), (7) u (8) ta' dak l-artikolu, fejn hu ċar li l-liġi trid il-preżentazzjoni "simultanea" tan-nota u tad-dikjarazzjoni;

Lanqas hu sostenibbli dak li donnu qal id-difensur, fis-sens li n-nuqqas tal-appellanti kien b'xi mod ġustifikat bin-nuqqas tar-Reġistratur għas-sens tas-subart. 7 tal-artikolu fuq imsemmi. Jibqa' dejjem li n-nota ġiet preżentata mingħajr id-dikjarazzjoni;

Appena hemm bżonn jingħad li d-dimentikanza jew żvista tad-difensur, imsemmija fix-xhieda tal-Avukat Dottor Caruana fix-xhieda tiegħu fol. 16, ma tikkostitwixxix dik ir-raġuni tajba li trid il-liġi biex ikun eliminat in-nuqqas produttiv tal-kontumaċja;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi ulterjorment l-appell billi tiċħdu in kwantu dirett għall-impunjazzjoni tad-digriet fol. 9, u għalhekk tikkonferma dak id-digriet, u tordna li, konformement għad-deċiżjoni preċedenti ta' din il-Qorti, l-attijiet jiġu rinvijati lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex hija tiddeċidi l-kawża fil-kuntumaċja tal-konvenuti appellanti;

L-ispejjeż tal-appell relattivi għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti tal-10 ta' Diċembru 1962 jibqgħu bla taxxa; dawk tar-Reġistru bin-nofs. L-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni, inklużi l-ispejjeż in prima istanza, tad-digriet issa konfermat (dak fol. 9), jitħallsu mil-konvenuti appellanti.